MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MICALLEF JOSEPH R.

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 848/2001/1

**John *sive* Juanito PULLIĊINO**

**vs**

**PRIMROSE POULTRY PRODUCTS LIMITED**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-15 ta’ Mejju, 2001, li bih l-attur ippremetta:

Illi l-attur bħala l-uniku eredi ta' missieru Paul Pullicino huwa proprjetarju tal-għalqa magħrufa bħala "Ta' Xmajna" li tinsab il-Magħtab, limiti tan-Naxxar, liema għalqa fiha l-kejl ta' cirka tomnejn u żewg sigħan, liema għalqa qed tiġi indikata f'site plan hawn annessa bħala Dokument GP1;

Illi l-għalqa de quo kienet mikrija da parti ta' missier l-attur a favur is-soċjeta' konvenuta versu l-kera ta' sittin lira (Lm60) fis-sena pagabbli fil-31 ta' Jannar ta' kull sena sabiex jitqiegħed fiha d-demel tat-tiġieġ;

Illi s-soċjeta' konvenuta kkawżat ħsarat konsiderevoli fl-għalqa de quo u ilha żmien ma tagħmel użu mill-imsemmija għalqa u dana bi ksur tal-Artikolu 1555 et sequitur tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta), kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Illi s-soċjeta' konvenuta, għalkemm interpellata sabiex tivvaka l-għalqa de quo, baqgħet inadempjenti;

Għalhekk l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex:

1. Tiddikjara illi s-soċjeta' konvenuta għamlet użu mill-għalqa proprjeta' tal-attur magħrufa bħala "Ta' Xmajna" li tinsab il-Magħtab, limiti tan-Naxxar xorta oħra minn dak li għaliha kienet ġiet mikrija;

2. Tiddikjara illi s-soċjeta' konvenuta kkawżat ħsarat u danni inġenti fl-istess għalqa proprjeta' tal-attur;

3. Konsegwentement tordna t-terminazzjoni tal-kirja tal-għalqa magħrufa bħala "Ta' Xmajna" li tinsab il-Magħtab, limiti tan-Naxxar u tordna li l-istess soċjeta' konvenuta tirrilaxxja l-istess għalqa favur l-attur billi tiffissa żmien qasir u perentorju sabiex l-istess soċjeta' konvenuta tiżgombra mill-istess għalqa u tħalliha libera favur l-attur;

4. Konsegwentement tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-għalqa hawn imsemmija u dana occorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

5. Tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lill-attur dik is-somma hekk likwidata bħala danni;

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet mid-data tan-notifika ta' dan l-att sal-pagament effettiv kontra s-soċjeta' konvenuta nġunta minn issa in subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur, flimkien mad-dokument mehmuż magħha;

Rat in-Nota mressqa fil-15 ta’ Ġunju, 2001, li biha l-kumpannija mħarrka eċċepiet:

Illi preliminarjament l-inkompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti li tisma' u tiddeċiedi dan il-każ, peress illi din il-kawża hija dwar kiri ta' raba agrikola;

Illi preliminarjament ukoll u mingħajr pregudizzju għas-sueċċepit in-nuqqas ta' gurisdizzjoni wkoll ta' din il-Qorti li tisma' u tiddeċiedi t-talbiet attriċi minħabba l-valur tal-kera pagabbli fuq l-istess raba;

Illi fis-sustanża il-fatt illi, kif ser jiġi ppruvat fil-kors tal-kawża, ma hux minnu li s-soċjeta' konvenuta ilha ma tagħmel użu mill-istess għalqa lilha mqabbla, jew li b'xi mod l-istess soċjeta' kkagunat xi ħsarat fl-istess għalqa;

Illi mingħajr pregudizzju għas- suespost, in kwantu jirrigwarda t-talbiet għar-responsabilita', likwidazzjoni u ħlas ta' danni l-fatt illi tali talbiet huma, għal kull buon fini, preskritti ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta);

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-kumpannija mħarrka;

Semgħet ix-xiehda tal-partijiet dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-kumpannija mħarrka;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-28 ta' Frar, 2002, li fih l-avukat tal-attur iddikjarat li l-ħsara li ġarrab il-klijent tagħha hija stmata li taqbeż il-ħamest elef lira Maltija (Lm 5,000);

Rat id-Degriet tagħha tat-28 ta' Frar, 2002, li bih u fuq talba tal-avukati tal-partijiet, tathom żmien biex iressqu sottomissjonijiet bil-miktub dwar l-eċċezzjonijiet taħt eżami;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fil-5 t'April, 2002[1], dwar iż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari tagħha;

Rat in-Nota ta' Tweġiba mressqa mill-attur fis-6 ta' Mejju, 2002[2];

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati taż-żewġ partijiet dwar l-istess eċċezzjonijiet preliminari;

Rat id-Degriet tagħha tat-13 ta'Ġunju, 2002, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hi azzjoni fejn sid ta' għalqa qiegħed jitlob it-tkeċċija minnha tal-kerrej u l-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni, minħabba użu mill-għalqa xort'oħra minn dik li għaliha kienet mikrija u minħabba ħsara ikkawżata mill-kerrej;

Illi għal din l-azzjoni l-kumpannija mħarrka laqgħet billi qalet li din il-Qorti m'għandhiex is-setgħa li tisma' l-kawża

[1] Pa[[. 106-9 tal-pro`ess
[2] Pa[[. 110-6 tal-pro`ess

kemm minħabba s-suġġett u kif ukoll minħabba l-valur tagħha meqjus il-kera li kien jitħallas kull sena għall-għalqa. Tellgħet ukoll eċċezzjonijiet oħrajn fil-mertu;

Illi din is-sentenza qegħda tingħata dwar iż-żewġ eċċezzjonijiet li jqanqlu l-kwestjoni jekk din il-Qorti tistax tisma' l-kawża kif imfassla;

Illi, qabel ma jiġu meqjusa ż-żewġ eċċezzjonijiet, jidher xieraq li jissemmew xi fatti ewlenin li jsawru l-kwestjoni li nħolqot bejn il-partijiet. Missier l-attur, Pawlu Pulliċino, kien qabbel l-għalqa lill-kumpannija mħarrka fl-1968 bi qbiela, għall-ewwel ta' erbgħin lira u, iżjed tard, ta' sittin lira (Lm 60) fis-sena[3], biex il-kumpannija titfa' fiha d-demel tat-tiġieġ minn impjant imdaqqas tat-trobbija tat-tiġieġ li hija tmexxi fl-inħawi. Missier l-attur miet u l-attur huwa l-wild waħdieni u werriet tiegħu. Fis-sena 1999, l-attur, b'ittra miktuba minn avukat[4], xela lill-kumpannija mħarrka li kienet kisret il-kundizzjonijiet tal-kirja li għamel magħha missieru dwar l-għalqa u li kienet wettqet ħsara fl-għalqa, u bagħatilha lura l-ħlas offert lilu minnha għall-qbiela ta' dik is-sena. Il-kumpannija mħarrka bdiet tiddepożita l-qbiela taħt l-awtorita' tal-Qorti. Il-kumpannija mħarrka fissret ukoll li hija reġistrata mad-Dipatiment konċernat dwar it-trobbija ta' bhejjem mir-razzett tal-Magħtab[5]. Iżda mad-Dipartiment tal-Biedja, l-għalqa kienet daret fuq isem l-attur fl-1995[6];

Illi **<u>dwar l-eċċezzjoni jekk il-Qorti tistax tisma' l-kawża minħabba n-natura tal-kwestjoni</u>**, jingħad li din taqa' taħt dak li jipprovdi l-artikolu 741(b) tal-Kodiċi tal-Proċedura, li, fl-artikolu 32 (2) tiegħu jistabilixxi l-kompetenza ta' din il-Qorti u safejn dik il-kompetenza hija limitata. Il-qofol tas-sottomissjoni tal-kumpannija mħarrka dwar din l-eċċezzjoni hi li din il-kawża messha tressqet quddiem il-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri ta' Raba' mwaqqaf taħt l-artikolu 5 tal-Kapitolu 199 tal-Liġijiet ta' Malta u dan minħabba li l-kwestjoni tqis għalqa li kienet imqabbla.

---

[3] Ara xhieda ta' {or[ Bor[ 30.11.2001, f'pa[. 21 tal-pro`ess

[4] Dok "GB2", f'pa[. 18 tal-pro`ess

[5] Dok "GB3", f'pa[. 97 tal-pro`ess

[6] Xhieda ta' {or[ Bor[ 28.2.2002, f'pa[.102 u tal-attur 28.2.2002 f'pa[. 105 tal-pro`ess

Biex issaħħaħ il-fehma tagħha dwar din is-sottomissjoni, il-kumpannija mħarrka qegħda tgħid li l-azzjoni hija min-natura tagħha immirata li iżżomm li jsir it-tiġdid ta' kirja ta' għalqa, li, skond it-tifsira li tagħtiha l-liġi speċjali, tikkwalifika bħala raba'. Min-naħa tiegħu, l-attur jisħaq li l-azzjoni tiegħu ma taqax fil-kompetenza tal-imsemmi Bord, għaliex it-talbiet tiegħu ma jaqgħux taħt il-kapi speċifiċi li taħthom dak il-Bord jista' jisma' u jiddeċiedi azzjoni mressqa quddiemu;

Illi huwa fatt aċċettat li din il-Qorti hija meqjusa bħala t-tribunal ta' ġurisdizzjoni ordinarja, filwaqt li l-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba' huwa meqjus bħala t-tribunal ta' ġurisdizzjoni speċjali fil-qasam tal-kirjiet ta' art jew fondi rurali, sewwasew minħabba li maħluq u regolat b'liġi speċjali u sal-limiti mfissra f'dik il-liġi. Bħalma jingħad dejjem u mingħajr kontestazzjoni, it-tribunal speċjali għandu l-ġurisdizzjoni li tagħtih il-liġi li bis-saħħa tiegħu huwa mwaqqaf. Tista' tkun ġurisdizzjoni esklussiva, imma hija dejjem waħda li trid titwettaq fil-parametri stretti ta' dik l-istess liġi;

Illi l-problemi mnissla minn diffikuta' dwar liema tribunal għandu s-setgħa jisma' kwestjoni bejn gabillottj u sid dwar il-kirja minn dejjem kienu ta' wġigħ ta' ras u taw lok għal għadd bla qies ta' deċiżjonijiet. Jingħad biss li l-Qrati tagħna stabilew, permezz ta' sentenzi, ċerti regoli li jiddeterminaw distinzjonijiet dwar is-setgħat ta' kompetenza wkoll fejn il-kwestjoni kienet tidher li taqa' taħt il-liġi speċjali[7];

Illi, minbarra dan, jidher li huwa stabilit ukoll li, f'kawżi fejn <u>il-lokatur</u> irid jieħu lura l-pussess mingħand il-kerrej, il-ġurisdizzjoni tat-tribunal tiddependi minn jekk it-teħid lura jkunx mitlub b'effett minn tmiem il-kirja jew inkella tkunx fl-għamla ta' talba għall-ħall tal-kuntratt tal-kirja jew tat-tiġdid tagħha waqt li jkunu għadhom fis-seħħ. F'tal-ewwel huwa meqjus li l-lokatur għandu jirrikorri quddiem it-tribunal

[7] App. Kumm.:**11.5.1992** fil-kaw\a fl-ismijiet ***E. Bor[ vs E. Bartlett et,*** u s-sentenzi hemm imsemmija

speċjali[8], filwaqt li f'tat-tieni, huwa għandu jersaq quddiem il-qrati ordinarji[9];

Illi l-partijiet f'din il-kawża iddedikaw il-biċċa l-kbira mis-sottomissjonijiet tagħhom fuq eżami tan-natura tal-ftehim li kien hemm bejn missier l-attur u l-kumpannija, u kif ukoll dwar x'jikkostitwixxi "raba'". Il-Qorti ssib li dak l-eżerċizzju ma kienx jindirizza l-kwestjoni li għandha quddiemha l-Qorti, għalkemm jagħti tifsira interessanti ta' bixra akkademika dwar il-kwestjoni. Dak li wieħed imissu jqis huwa jekk l-azzjoni attriċi, kif imfassla, u t-talbiet hemm magħmula, tistax qatt tinstama' u tinqata' mill-Bord. Din il-Qorti ssib li l-azzjoni attriċi tmur lil hinn minn dik li hija l-kompetenza speċifika tal-imsemmi Bord taħt id-dispożizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 199, u għalhekk, jidhrilha li l-attur sewwa għamel li ressaq l-azzjoni tiegħu quddiemha;

Illi b'żieda ma' dan, jingħad ukoll li meta wieħed jiġi biex iqis l-eċċezzjoni tal-kompetenza tal-Qorti minħabba n-natura tal-kwestjoni mressqa quddiemha, irid iżomm sewwa quddiem għajnejh li l-Qrati ordinarji, u mhux it-tribunali speċjali, għandhom il-kompetenza li jqisu kwestjonijiet li jolqtu ħwejjeġ li jitnisslu minn ftehim ta' kera oriġinali u t-tifsir tiegħu[10];

Illi **<u>dwar l-eċċezzjoni jekk il-Qorti tistax tisma' l-kawża minħabba l-valur tagħha</u>**, il-kumpannija mħarrka, fin-Nota tagħha, tressaq l-argument li l-valur tal-kawża huwa determinat mill-ammont ta' kera maqbul bejnha u missier l-attur. Kif ingħad, dan il-kera llum jammonta għal sittin lira fis-sena. Hi tkompli targumenta li, ladarba l-kera huwa iffissat, il-valur tal-kawża huwa iffissat b'kejl ma' dak il-kera ta' sena, u ma jibqax iżjed il-każ li l-azzjoni hija ta' valur mhux ċert;

Illi, min-naħa tiegħu, l-attur jirribatti l-argumenti tal-kumpannija mħarrka billi, qabel xejn, jgħid li l-azzjoni

[8] Ara art. 4 tal-Kap 199

[9] Ara. P.A. GV :**27.3.1996** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Rosemarie Brincat et vs Mario Blackman et***, u l-g]add ta' sentenzi hemm imsemmija.

[10] Ara App. **30.5.1997** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Elizabeth Farru[ia et vs Paul Bu[eja*** u l-g]add ta' sentenzi hemm imsemmija

tiegħu m'hijiex waħda li titlob biss it-tneħħija mill-għalqa tal-kumpannija mħarrka, imma hija azzjoni li titlob ukoll il-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni li huwa ġarrab minħabba l-allegat ksur min-naħa tagħha tal-patti tal-kirja, u li, minħabba f'hekk, qiegħed jitlob it-tneħħija tagħha minn dik l-għalqa tiegħu. Huwa jżid jgħid ukoll li kieku l-valur tal-kawża kellu jitqies biss mil-valur lokatizju tal-għalqa u mid-dispożizzjonijiet li jiddeterminaw il-valur ta' kawża b'qies ta' dak il-valur lokatizju, kieku kien ikollu jiftaħ żewġ kawżi: waħda quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (għat-tneħħija tal-kumpannija mħarrka mill-għalqa tiegħu) u l-oħra quddiem din il-Qorti (għal-likwidazzjoni tad-danni);

Illi skond l-artikolu 747(1) tal-Kap 12, kawża ta' valur inċert jew indeterminat titqies dejjem li taqbeż il-kompetenza tal-qorti ta' ġurisdizzjoni limitata. Fost it-tliet ċirkostanzi li l-liġi ssemmi bħala kawżi ta' valur indeterminabbli wieħed isib dawk il-kawżi li fihom il-valur tal-ħaġa ma jirriżultax mit-talba attriċi u lanqas jista' jiġi determinat kif jingħad fl-artikoli l-oħrajn li jitkellmu dwar id-determinazzjoni tal-valur tal-kawża[11]. Dan ifisser, mela, li jekk il-valur ma jissemmiex fit-talba attriċi ma jġibx, fih innifsu biss, li dik il-kawża hija waħda ta' valur inċert jekk dak il-valur huwa determinabbli;

Illi huwa għalhekk li jingħad li, bħala regola, l-kompetenza tal-Qorti hija meqjusa fuq kollox u qabel kull konsiderazzjoni tal-eċċezzjonijiet, mit-termini nfushom tat-talba attriċi billi huwa dak l-att promotur kif imressaq (bil-premessi u t-talbiet marbuta magħhom) li jiddefinixxi l-wisgħa u l-limiti tal-kompetenza tal-Qorti biex tisma' l-każ[12];

Illi f'każijiet oħra ngħad li l-kwestjoni ta' kompetenza ma tkunx determinata biss minn dak li jingħad fl-azzjoni attriċi, imma wkoll minn dak li jressaq l-imħarrek bħala eċċezzjoni[13]. Kemm hu hekk, fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fil-5 ta' Novembru,

---

[11] Art. 747(2)(`) tal-Kap 12

[12] App. ~iv. **7.10.1997** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Frankie Refalo noe vs Jason Azzopardi et***

[13] App. Inf. **31.7.1996** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Anthony |ammit vs Joseph Ellul noe***; u ara wkoll art. 754 tal-Kap 12

1992, fil-kawza fl-ismijiet Ġ*użeppa Borġ vs Maria Mizzi et* ingħad li "għall-fini tad-determinazzjoni tal-kompetenza tal-Qorti, għandu jittieħed kont mhux biss tat-talbiet attriċi imma wkoll tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut";

Illi fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, l-attur qiegħed jinsisti li, għall-finijiet ta' kompetenza, l-azzjoni tiegħu għandha titqies mill-ogħla talba magħmula. F'dan il-każ, huwa jgħid li trid tipprevali t-talba tal-likwidazzjoni tad-danni li huwa ġarrab u li huwa jgħid li jaqbżu l-ħamest elef lira. Huwa jiċċita sentenza li tqis ċirkostanza bħal din[14]. B'riferenza għal din it-talba biss, jgħid l-attur, m'hemmx għalfejn wieħed jiddubita li din il-Qorti għandha s-setgħa tisma' l-kawża mressqa minnu, ukoll kieku t-talba ewlenija kienet taqa' fis-setgħa ta' tribunal ieħor biex jismagħha u jaqtagħha;

Illi kieku ma kinitx għall-imsemmija talba għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni, il-kwestjoni tal-valur tal-kawża kien ikollu jitqies minn dak li jipprovdu l-artikoli 746, 755, 756 u 757 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan minħabba l-fatt li l-valur tal-kawża m'huwiex determinat skond ma jipprovdi l-artikolu 748 tal-istess Kodiċi;

Illi l-attur jgħid li l-azzjoni tiegħu m'hijiex "sempliċi" talba għat-tneħħija tal-kumpannija mill-għalqa tiegħu, imma hijia kawża ta' ksur ta'kuntratt. Dan, skond l-attur, ifisser li għalkemm l-azzjoni attriċi trid tilħaq l-għan li l-attur jieħu lura l-għalqa tiegħu minn idejn il-kumpannija mħarrka, dan qiegħed isir għar-raġuni ta' ksur tal-patti tal-kuntratt min-naħa ta' din. Fil-fehma ta' din il-Qorti, argument bħal dan fil-qafas tal-eżami tal-eċċezzjoni tal-kompetenza ma jagħmilx sens. It-talba għall-iżgumbrament ma tkun qatt "sempliċi", għaliex ukoll fejn talba bħal din tkun imsejsa mqar fuq pretensjoni li l-okkupant ikun qiegħed iżomm il-ħaġa mingħajr titolu li jiswa, dejjem irid ikun hemm kawżali li twassal biex it-talba għat-tneħħija tkun milqugħa. Billi d-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar il-kompetenza għandhom jingħataw tifsira litterali, mhux imħolli lil parti li toħloq tifsiriet ġodda għal-liġi fejn il-liġi

---

[14] App. Kumm: **12.11.1945** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Cutajar vs Cachia*** (Kollez. Vol: **XXXII.i.587**)

nnifisha ma tagħmilhomx. Jekk wieħed jaqra sewwa l-artikolu 756(1), għandu jsib li għall-finijiet ta' kawżi ta' żgumbrament, dejjem irid ikun hemm "raġuni leġittima" biex issejjes talba bħal dik: tista' tkun nuqqas ta'ħlas f'waqtu tal-kera (jew qbiela) daqskemm tista' tkun ksur tal-patti tal-kirja. Fiż-żewġ każijiet (u oħrajn bħalhom), il-kriterji tal-iffisar tal-valur tal-kawża huwa dak imsemmi fl-artikoli 756 u 757. Din hija l-fehma tal-kumpannija mħarrka;

Illi, madankollu, jibqa' l-fatt li fejn il-valur ta' talba huwa inċert jew mhux determinat, il-Qorti xierqa biex tisma' dik it-talba skond ir-rieda espressa tal-liġi hija din il-Qorti[15]. Dan ukoll jagħmel parti mit-tifsira li taw il-Qrati tagħna għar-rigward, fejn ġie stabilit b'awtorita' li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (u mhux il-Qorti inferjuri) kienet kompetenti tisma' l-kawża għax l-attur ressaq talba għal-likwidazzjoni ta' danni, minkejja li fl-istess waqt iċċensuratu talli messu kien jaf li l-ogħla ammont ta' kumpens li seta' jieħu ma kien qatt jisboq ammont li joħroġ mill-kompetenza ta' dik il-Qorti inferjuri[16]. Il-Qorti temmen li, dan il-prinċipju tal-aħħar, magħdud flimkien mal-ieħor imressaq mill-attur dwar il-qies tal-ogħla valur fost għadd ta' talbiet, iqiegħed l-azzjoni attriċi f'ħoġor din il-Qorti u mhux f'qorti ta' kompetenza "inferjuri";

Illi, minħabba f'hekk, il-Qorti ssib li l-eċċezzjoni tal-kumpannija mħarrka dwar il-valur tal-kawża ma tistax titqies mistħoqqa;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet** tal-kumpannija mħarrka bħala mhux imsejsa fil-fatt u d-dritt, bi spejjeż tal-istess eċċipjenti, u tiddikjara li hija għandha s-setgħa li tisma' l-kawża kif imfassla, u għalhekk qegħda tordna li s-smigħ tal-kawża jissokta bil-ġbir tal-provi fil-mertu.

---

[15] Art 32 tal-kap 12

[16] Ara, per e\empju, App. ~iv **4.11.1963** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Gatt vs Mifsud*** (Kollez. Vol: **XLVII.i.406**)

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.,**
**14 ta' Novembru, 2002**

**Charles Falzon,**
**Deputat Reġistratur,**
**14 ta' Novembru, 2002**